MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Numru. 954/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Malcolm Bondin]**

**vs**

**Adam Charles Richard Sammut**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Adam Charles Richard Sammut detentur tal-karta tal-identita` numru 70303L.

Akkuzat talli:
a. Nhar it-8 ta' Awwissu 2010, ghall-habta tas-1 a.m. gewwa l-fond Ryan's Pub, Triq Wied Ghomor, San Giljan, ikkommetta serq ta kartiera, ghad-detriment ta' Simon Azzopardi, liema serq huwa kwalifikat bil-hin; u

b. U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati;
Stante ammissjoni u konferma ta’ tali ammissjoni mill-imputat Adam Charles Richard Sammut wara li nghata z-zmien opportun mill-Qorti sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, issib lill-istess hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 qed tpoggih taht probation order ghal sentejn u ghal dan il-ghan ghandu jitqabbad probation officer li ghandu jirrapport lill-Qorti kull xahar dwar l-andament tieghu.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------